Il-Qniepen fil-Knejjes tal-Gżejjer Tagħna

Julian Bezzina



Il-Kompożitur u surmast tal-banda militari ingliż Albert W. Ketelby (1875-1959) meta darba kien qed jippassiġġa fi nżul ix-xemx fil-kampanja t'Għawdex, sema' l-qniepen tas-Santwarju Ta' Pinu jdoqqu l-Ave Marija. Imsaħħar bid-daqq tagħhom u bix-xenarju sabiħ tal-kampanja t'Għawdex, kien ispirat li jikteb biċċa mużika mill-isbaħ: *'Bells across the Meadows'* (Il-qniepen qalb ix-xagħri). Tant kien ferħan b'din il-kompożizzjoni li l-oriġinal tagħha rregalah lil-Banda Leone, t'Għawdex.

Il-qniepen fl-għamla li nafuhom illum bdew jagħmluhom għall-knejjes insara fir-raba' seklu, meta' l-knisja kellha l-liberta li tibni l-knejjes tagħha. L-ewwel darba li jissemmew kien fil-kitba ta' San Girgor ta' Tours (538-594). Maż-żmien bdew isiru settijiet ta' qniepen u bdew jiġu ntonati man-noti mużikali.

Id-daqq tal-qniepen donnu jkellimna u jagħtina messaġġ tul ħajjitna kollha, l-aktar fil-Gżejjer tagħna, fejn il-parroċċa tinsab fil-qalba tar-raħal u djarna jinsabu madwarha. Huma jindaqqu fil-festi ta' matul is-sena u f'okkażjonijiet oħra. Isejħulna għall-funżjonijiet tal-knisja. Fl-imgħoddi kienu jdoqqu erba' darbiet matul il-jum biex ifakkruna fit-talb, illum idoqqu biss fit-tmienja u f'nofsinhar. Il-qniepen jagħtuna l-aħħar tislima meta aħna ngħaddu għal ħajja oħra. L-antenati tagħna kienu jdoqqu l-qniepen meta tkun xi tempesta qalila u r-riħ jilħaq il-forza ta' riefnu, għax kienu jemmnu li dawn għandhom il-qawwa li jwaqqfuhom. Fil-fatt fuq waħda mill-qniepen il-qodma tal-kattidral t'Għawdex hemm miktub bil-latin: 'Jien għandi s-setgħa li nkeċċi x-xitan u nikkalma t-tempesti'. Huma jisktu biss minn Ħamis ix-Xirka sa l-Għid il-Kbir, meta jħabbru l-qawmien ta' Kristu.

Meta l-knisja parrokkjali tagħna kienet lesta u kienet diġa kkonsagrata fl-1743, l-antenati tagħna bnewlha faċċata ġdida bi stil sabiħ barokk biex din ikollha żewġ kampnari. Imbagħad bdew jinxtraw il-qniepen. Il-qampiena l-kbira, li tiżen madwar dsatax il-qantar, saret fil-funderija tal-Ordni tal-Kavallieri minn Giacchino Trigance, fl-1782. Il-Fustanija saret fl-istess funderija fl-1793 minn Giacchino, flimkien ma ħuh Francesco, u tiżen erbatax-il qantar. Il-kuntratt magħmul għand in-Nutar Andrea Micallef fih ħafna dettalji.

Dan il-kuntratt kien sar fir-raħal stess, fil-preżenza tal-Commendatore Fra Giuseppe Bescica tal-lingua tal-Italja, Il-Kappillan Bartolomeo Ellul, il-Prokuratur tal-Knisja Dun Giovanni Sant u kjeriku Giovanni Gafa'. Minnu nafu li għal din il-qanpiena kienet iddewbet qanpiena qadima u li l-qanpiena l-ġdida kellha titħallas bil-pezz ta' 110 skud il-qantar, wara li din tintiżen minn piżatur pubbliku. Fuqha hemm il-figura ta San Bartolomew u l-arma ta' Dun Ġwann Dumink Grech, li kien ħalla ħafna ġid lill-knisja. Ma' dawn iż-żewġ qniepen fil-kampnar tax-xellug hemm ukoll tnejn żgħar qodma, li nafuhom bħala tal-Glorja, għax dawn kienu jindaqqu meta kienet tmut xi tarbija. Fil-kampnar tal-lemin hemm żewg qniepen oħra. Waħda kienet mixtrija mill-Parroċċa ta' Ħal-Safi. Din hemm fuqha l-figura ta' San Pawl u l-kliem bil-Latin: *Pietas me fecit, S.Deus, S.Fortis, S.Immortalis. Miserere Nobis An.D.1827.* L-oħra saret fl-1981 u ġiet imgħammda fl-1 ta' Novembru, 1981. Hawn ta' min jgħid li l-qniepen mhux jitbierku iżda jitgħammdu. Iċ-ċerimonja mhiex magħmudija tassew, iżda l-qanpiena tiġi mxarrba bl-ilma mbierek minn ġewwa u minn barra u midluka biż-żejt tal-griżma, tingħata isem u jkollha l-parrinijiet. Din kienet saret flok oħra li kienet magħmula f'Lisbona, il-Portugall fl-1810 minn Jacinto u Antonio Alves Guerria u fuqha kellha miktub bil-Latin: *'It-tjieba tal-poplu għamlitni. Qaddis Alla, Qaddis Qawwi, Qaddis Immortali'.*



Fuq dawn iż-żewġ qniepen idoqq l-arloġġ tal-knisja li kien sar fl-1756 u kien ħallas parti mill-ispiża tiegħu il-Kjeriku Ġwann Dumink Portelli.

Hija ħaġa sewwa li meta nisimgħu il-qniepen tal-Parroċċa tagħna jdoqqu jew jagħtun l-ħin matul il-jum, niftakru li dawn ukoll saru biex jagħtuna servizz siewi matul ħajjitna kollha.